**Fit- Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar**

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
17 JUN 2019
FLORIANA

Avviz Ref: EC 00056/2019

Data tal-Avviz: 20/04/2019

L-Awtoritá ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar

vs

Paul Zammit, detentur karta ta' l-identita numru 750056(M)

**Rikors ta' Appell ta' Paul Zammit, detentur karta ta' l-identita numru 750056(M):**

Jesponi bir-rispett;

Illi l-appellant, gie notifikat bl-avviz hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A', liema avviz igib id-data ta' l-ghoxrin (20) ta' April tas-sena kurrenti elfejn u dstax (2019) fejn huwa gie avzati illi skond l-Awtoria, hemm ksur tal-kontroll tall-ippjanar, konsistenti f'bini ta' hajt tal-madwar, li nbena barra mall-linja ufficjali.

**Illi l-appellant hass ruhu aggravat minn din id-decizjoni u qieghed jinterponi umli appell ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-appellant jispjega li, preliminarjament huwa ma hux l-unika sid tas-sit inidkat EC 56/19, u dan peress illi kif evidenzjat minn kopja ta' kuntratt hawn anness u mmarkat hala 'Dok B', dan is-sit jappartjeni wkoll lil terzi. Konsegwentement, l-Awtorita ma tistax tenforza d-decizjoni kif kontenuta fl-Avviz surreferit in kwistjoni kontrieh.

Illi jekk il-hajt in kwsitjoni kellu jitwaqqa u jigi demolit kif mitlub, u mibni mill-gdid, b'dan l-hekk msejjah ezercizzju ta' *re-alignment* ikollu konsegwenzi negattivi u serji, tant li l-appellanti jsofri pregudizzju irrimedjabbli in kwantu l-propjeta tieghu tigi miftuha u accessibli ghall-uzu pubbliku bhala triq pubblika. Inoltre, l-appellanti filwaqt illi mhux jogezzjona ghal *projected road alignment,* huwa qed jezigi illi jinghata kumpens, u dan a proporzjon ta' dik l-*area* ta' l-art appartenenti lilu. Illi fin-nuqqas, huwa car u manifest illi l-istruzzjoni illi huwa inghata, u ghal liema mhux se jinghata kumpens, jikser d-drittijiet fundamentali tieghu stante illi tmur kontra l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Għaldqastant, prevja li dan it-Tribunal jogħgbu jisma ix-xhieda tal-appellant, u xhieda oħra relevanti, l-esponent jitlob umilment li dan it-Tribunal jogħgbu jikkancella d-deċizjoni tal-Awtorita appellata datata l-għoxrin (20) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019), u dan taħt kwalunkwe kundizzjoni li jista jidrielha xierqa u opportuni.

**Avv. Dott. Marion Camilleri**
Franco Debono & Associates,
1, Triq id-Dejqa, Valletta

**Avv. Dott. David Camilleri**
51, Triq San Kristofru, Valletta

Appellant: Paul Zammit, 'Charlee' Triq il-Kuccardi, Hal Safi.